# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 2020**

**Numru 2**

**Rikors numru 24/16 AGV**

**Karen Ellul f'isimha proprju u f'isem binha Adelson Ellul**

**v.**

**Mario Ellul**

**Il-Qorti:**

1. Il-konvenut appella minn dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-8 ta' Ottubru 2019 li biha l-ewwel Qorti ddeċidiet:

> *"6. Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-konvenut iħallas manteniment għall-attriċi fl-ammont ta' tlitt mitt Ewro (€300) fix-xahar, għall-perjodu massimu ta' sena, sakemm l-istess attriċi issib impieg fiss, kif ukoll tordna lill-konvenut iħallas manteniment mensili għall-minuri Adelson, fl-ammont ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450), liema somma tinkludi nofs l-ispejjeż ordinarji ta' saħħa w edukazzjoni, kif ukoll l-ispejjeż tal-attivitajiet extra kurrikulari, u dan għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq 18-il sena jew sakemm jagħlaq l-eta' ta' 23 sena, jekk jibqa' jistudja fuq bażi full-time. Il-manteniment hekk ordnat għandu*

> *jiżdied skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jitħallas mill-konvenut permezz ta' standing order f'kont bankarju intestat f'isem l-attriċi".*

2. L-attriċi ppreżentat kawża ta' separazzjoni fit-2 ta' Frar 2016 u talbiet ukoll sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallas manteniment għaliha u binhom, flimkien ma' żieda kull tant żmien sabiex tagħmel tajjeb għall-awment fl-għoli tal-ħajja.

3. Fit-tweġiba l-konvenut qal li kien ilu minn Settembru 2015 iħallas €250 kull xahar bħala manteniment għat-tifel apparti li jħallas nofs l-ispejjeż tat-tifel skont l-irċevuti li tagħtih l-attriċi. Kompla li mhuwiex f'kundizzjoni finanzjarja li jħallas iktar flus u l-attriċi kienet kuntenta b'dik is-somma.

4. B'rikors preżentat fil-25 ta' Ottubru 2019 il-konvenut appella mis-sentenza filwaqt li fid-19 ta' Novembru 2019 l-attriċi wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell m'għandux ikun milqugħ.

5. L-appell tal-konvenut hu limitat għal dik il-parti tas-sentenza li biha kien kundannat iħallas il-manteniment għall-attriċi u binhom. Għalkemm il-konvenut ippreżenta tweġiba ġuramentata quddiem l-ewwel Qorti, ma ressaqx provi.

6. Il-qorti tosserva wkoll li fil-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza tal-qorti tal-ewwel grad ma ntqal xejn dwar it-talba tal-attriċi għall-manteniment, u l-manteniment jissemma biss fil-parti dispożittiva tas-sentenza.

Konsiderazzjoni.

7. L-ewwel aggravju tal-konvenut hu li l-attriċi talbet il-ħlas ta' manteniment għaliha jekk tkun mingħajr xogħol. Skont il-konvenut dan il-fatt ifisser li l-attriċi qegħda taħdem. F'dan ir-rigward irrefera għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi fejn fil-parti 'Manteniment għall-attriċi', iddikjarat:

> *"Kif ġie spjegat aktar 'l fuq, l-intimat huwa unikament responsabbli għall-firda u għaldaqstant l-esponenti ma għandhiex titlef 'il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ', u dan skont kif dettat fl-artikolu 48(1)(d) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, l-esponenti hija tal-umli fehma illi fl-eventwalita' illi hija tispiċċa mingħajr impieg, l-intimat għandu jgħaddilha manteniment adegwat u regolari għaliha personalment sabiex tkopri l-ispejjeż kollha li taffaċċja kuljum".*

8. Is-sitt talba tar-rikors ġuramentat taqra:

> *"6. Tikkundanna lill-istess konvenut jħallas lill-attriċi u lill-minuri manteniment adegwat li jogħġobha tiffissa din il-Qorti skont il-bżonnijiet tal-istess attriċi u l-minuri u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita' ta' ħin, lok, u ġurnata ta' pagament li tiġi wkoll stabbilita, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika sabiex tagħmel tajjeb għall-awment fl-għoli tal-ħajja u għat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu ieħor tal-konvenut".*

9. L-attriċi wieġbet li:

> *"Jibda biex jingħad illi t-talba għall-manteniment kemm għaliha u kemm għall-minuri, l-esponenti għamlitha fis-sitt talba tagħha tar-rikors ġuramentat u mhux fin-nota ta' sottomissjonijiet. Jingħad ukkoll u dan bla tlaqliq ta' xejn illi għalkemm hija għamlet talba għall-manteniment, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija ma argumentatx li jkun hemm manteniment għaliha u dan peress illi minn mindu intavolat il-kawża sal-lum hija ħadmet u għadha taħdem. Għaldaqstant, l-appellata mhijiex toġġezzjona li dan l-aggravju jintlaqa' limitatament peress illi hija tassew taħdem u preżentement ma għandhiex bżonn ta' manteniment mingħand żewġha, madankollu għandu jibqagħlha d-dritt li titlob manteniment mingħand żewġha purche' tiġi fil-bżonn"*.

10. Għalhekk l-attriċi taqbel li diment li qegħda taħdem ma tippretendix manteniment. Dan wara kollox hu dak li ddikjarat fin-nota ta' sottomissjonijiet. Madankollu iktar importanti minn hekk hu li l-ewwel Qorti illikwidat manteniment għall-attriċi għall-perjodu ta' sena biss, perjodu li evidentement tat lill-attriċi sabiex issib impieg. L-attriċi ma appellatx mis-sentenza tal-ewwel Qorti. Issa, irriżulta li l-attriċi taħdem u għandha qligħ. Għaldaqstant, mhemmx ħtieġa li l-qorti tikkonsidra u tiddeċiedi dwar jekk it-talba għall-manteniment hijiex ġustifikata. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ser tvarja s-sentenza fis-sens li ser tiċħad it-talba għall-manteniment tal-attriċi.

11. It-tieni aggravju jitratta dwar il-manteniment tal-minuri fis-somma ta' erba' mija u ħamsin euro (€450) fix-xahar. Manteniment li jinkludi fih *"nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, kif ukoll l-ispejjeż tal-attivitajiet extra-kurrikulari"*.

12. Il-konvenut argumenta li s-somma ta' €450 hi esaġerata u li l-attriċi bl-ebda mod ma ġġustifikat il-ħtieġa li kull xahar tintefaq is-somma ta' €900 għal tifel ta' disa' snin. Il-manteniment hu intiż sabiex jagħmel tajjeb għal bżonnijiet tat-tifel u mhux sabiex l-attriċi jkollha qligħ supplimentarju.

13. F'dan il-każ is-sentenza tal-ewwel Qorti ma fiha l-ebda spjegazzjoni dwar x'ikkonvinċiha tillikwida s-somma ta' erba' mija u ħamsin euro (€450) kull xahar bħala manteniment għat-tifel. Somma li l-attriċi talbet fin-nota ta' sottomissjonijiet.

14. Jirriżulta li:

i. Illum it-tifel għandu ħdax-il sena u jattendi skola tal-knisja.

ii. L-attriċi taħdem għalkemm mhuwiex magħruf x'inhu l-impieg u l-qligħ.

iii. Il-konvenut jaħdem għal rasu bħala bennej.

iv. Għal dak li jirrigwarda l-introjtu tal-konvenut kull mhemm fl-atti huma formoli tat-taxxa u dokumenti mis-sistema tad-Dipartiment tat-Taxxi. L-iktar tagħrif riċenti li hemm fl-atti hu l-qligħ li jirreferi għas-sena 2015 fl-ammont ta' €7609. Ammont ferm baxx meta tqis li l-konvenut hu *self-employed* u jaħdem fis-settur tal-bini. Is-sena ta' qabel (2014) il-qligħ dikjarat kien ta' €12594 li l-qorti tikkonsidrah ukoll baxx għat-tip ta' xogħol li għamel il-konvenut.  Iktar u iktar meta tikkonsidra li fl-2015 il-konvenut

xtara vettura li tiswa €30000, u l-ewwel Qorti ordnat li l-attriċi għandha jedd għal nofs dik is-somma.

v. L-attriċi xehdet li l-konvenut iħallas €250 fix-xahar bħala manteniment għat-tifel. Kompliet, *"Jiena aċċettajt dan l-ammont u ma tlabtx għal iżjed peress illi hu kien għadu iħallas il-loan li għandna fuq id-dar waħdu"*.

vi. Fir-rikors tal-appell il-konvenut iddikjara li kien qiegħed iħallas €250 u nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa. Pero` ma ta l-ebda indikazzjoni dwar it-total tal-flus li ħallas għal kull sena.

15. F'kawżi ta' din ix-xorta hu essenzjali li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) qabel tgħaddi għas-sentenza tiżgura li l-partijiet ikkonċernata jkunu taw it-tagħrif kollu meħtieġ li jkun jista' jwassalha sabiex tasal għal deċiżjoni finali dwar il-manteniment dovut lil xi parti jew wlied wara li tagħmel il-konsiderazzjonijiet opportuni. Min-naħa tagħha l-attriċi naqset milli tagħti kwalsiasi tagħrif dwar l-ispejjeż li normalment tagħmel kull xahar għat-tifel u milli tispjega għalfejn tippretendi s-somma ta' €450 kull xahar.

16. Ovvjament iktar ma jikber it-tifel iktar ser jiżdiedu l-ispejjeż. Matul is-sena jkun hemm ċertu xhur meta jsiru iktar spejjeż minn xhur oħra, bħal per eżempju xiri ta' kotba tal-iskola, privat u unformi.  L-istess meta jkun hemm bżonn li t-tifel jinxtrawlu ħwejjeġ u żraben.

17. Ċertament gia ladarba l-attriċi għandha impjieg, hu d-dmir tagħha wkoll li tipprovdi finanzjarjament għall-manteniment ta' binha. Mhemmx prova li l-qagħda finanzjarja tagħha ma tippermettilix li tagħti s-sehem tagħha. Jidher li fis-sentenza l-ewwel Qorti kkonsidrat ukoll li l-attriċi m'għandhiex impieg, tant li llikwidat manteniment għaliha għall-perjodu ta' sena.

18. Il-qorti ser tnaqqas is-somma għal €400 fix-xahar meta tikkonsidra li l-konvenut kien diġa qiegħed iħallas €250 fix-xahar u nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa, u dak il-manteniment ilu issa jitħallas miż-żmien li l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali (Settembru 2015). Somma li tinkludi fiha l-ispejjeż li jissemmew fis-sentenza tal-ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell billi tilqgħu sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-8 ta' Ottubru 2019 billi:

1. Tħassar dik il-parti li akkordat lill-attriċi manteniment ta' tlitt mitt euro (€300) fix-xahar għall-perjodu ta' sena u minflok tiċħad is-sitt (6) talba in kwantu tirreferi għall-manteniment għaliha. Ovvjament salv u impreġudikat kwalsiasi jedd li tista' fil-futur tippretendi li għandha.

2. Tvarja l-manteniment li l-konvenut għandu jħallas għal ibnu fis-sens li tikkundannah iħallas is-somma ta' erba' mitt euro (€400) kull xahar, somma li tinkludi fiha l-ispejjeż li jissemmew fis-sentenza tal-ewwel Qorti.

3. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal tliet kwarti (¾) a karigu tal-attriċi u kwart (¼) a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb